I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar in-newtralità tan-net, il-ġestjoni tat-traffiku u l-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali

(2012/C 34/01)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1],

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika [3],

ADOTTA L-OPINJONI:

### I. **INTRODUZZJONI**

#### I.1. **Sfond**

1. Fid-19 ta' April 2011, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-internet miftuħ u n-newtralità tan-net fl-Ewropa [4].

2. Din l-Opinjoni tista' titqies bħala r-reazzjoni tal-KEPD għal din il-Komunikazzjoni u għandha l-għan li tikkontribwixxi għad-dibattitu ta' politika li għaddej fl-UE dwar in-newtralità tan-net, speċjalment dwar l-aspetti relatati mal-protezzjoni tad-dejta u tal-privatezza.

---

(1) ĠU L 281,, 23.11.1995, p. 31, (*Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitlu 13 Volum 015 P. 355-374*) id-"Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data".
(2) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1, (*Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitlu 13 Volum 26 P. 102-124*) ir-"Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data".
(3) ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37 (*Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitlu 13 Volum 29 P. 514-524*), kif emendata mid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 15), id-'Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika'.
(4) COM(2011) 222 finali.

3. L-Opinjoni tibni fuq ir-risposta ([5]) tal-KEPD għall-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni dwar L-internet miftuħ u n-newtralità tan-net fl-Ewropa, li ġiet qabel il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Il-KEPD ħa nota wkoll tal-abbozz tal-konklużjonijiet riċenti tal-Kunsill dwar in-newtralità tan-net ([6]).

### I.2. **Il-kunċett ta' newtralità tan-net**

4. In-newtralità ta-net tirreferi għal dibattitu kontinwu dwar jekk il-fornituri tas-servizz tal-Internet ("ISPs ([7])") għandhomx jitħallew jillimitaw, jiffiltraw, jew jimblukkaw l-aċċess għall-Internet jew jaffettwaw b'xi mod ieħor il-prestazzjoni tiegħu. Il-kunċett ta' newtralità tan-net jibni fuq l-opinjoni li l-informazzjoni fuq l-Internet għandha tiġi trażmessa b'mod imparzjali, mingħajr kunsiderazzjoni għall-kontenut, id-destinazzjoni jew is-sors, u li l-utenti għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu liema applikazzjonijiet, servizzi u ħardwer ikunu jridu jużaw. Dan ifisser li l-ISPs ma jistgħux, b'diskrezzjoni tagħhom, jipprijoritizzaw jew idewmu l-aċċess għal ċerti applikazzjonijiet jew servizzi bħall-Peer to Peer ("P2P"), eċċ ([8]).

5. L-iffiltrar, l-imblukkar u l-ispezzjonar tat-traffiku tan-netwerk iqajmu kwistjonijiet importanti, ta' spiss injorati jew imwarrba, f'dak li jirrigwarda l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u r-rispett għall-privatezza tal-individwi u għad-dejta personali tagħhom meta jużaw l-Internet. Pereżempju, ċerti tekniki ta' spezzjoni jinvolvu l-monitoraġġ tal-kontenut tal-komunikazzjonijiet, websajts li jkunu żaru, emails li bagħtu u rċevew, il-ħin meta seħħ dan, eċċ, biex b'hekk tiġi permessa l-filtrazzjoni tal-komunikazzjonijiet.

6. Permezz tal-ispezzjonar tad-dejta tal-komunikazzjonijiet, l-ISPs jistgħu jiksru l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, li huwa dritt fundamentali, garantit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (il-"KEDB") u l-Artikolu 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-'Karta'). Il-kunfidenzjalità hija protetta wkoll fil-leġiżlazzjoni sekundarja tal-UE, jiġifieri mill-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika.

### I.3. **Il-punt fokali u l-istruttura tal-konklużjonijiet**

7. Il-KEPD iqis li dibattitu serju ta' politika dwar in-newtralità tan-net għandu jindirizza l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet kif ukoll implikazzjonijiet oħra ta' privatezza u l-protezzjoni tad-dejta.

8. Din l-Opinjoni tikkontribwixxi għal dan id-dibattitu li għaddej bħalissa fl-UE. L-għan tagħha huwa maqsum fi tliet partijiet:

— Din tenfasizza r-rilevanza tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta fid-diskussjonijiet attwali dwar in-newtralità tan-net. B'mod aktar partikolari, hija tenfasizza l-ħtieġa li jiġu rrispettati r-regoli eżistenti dwar il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet. Għandhom jiġu awtorizzati biss prattiki li jirrispettaw regoli bħal dawn.

— In-newtralità tan-net tirrigwarda possibbiltajiet – teknoloġiċi - relattivament ġodda u l-esperjenza dwar kif japplika l-qafas legali hija żgħira. Din l-Opinjoni għalhekk tipprovdi gwida dwar kif l-ISPs għandhom japplikaw u jirrispettaw il-qafas legali tal-protezzjoni tad-dejta jekk huma jwettqu filtrazzjoni, imblukkar u spezzjonar tat-traffiku tan-netwerk. Dan għandu jkun utli għall-ISPs kif ukoll għall-awtoritajiet responsabbli milli jinfurzaw il-qafas.

— Fl-ambitu tal-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza, din l-Opinjoni tidentifika oqsma li jeħtieġu attenzjoni speċjali u li jistgħu jeħtieġu azzjoni fuq il-livell tal-UE. Dan huwa importanti b'mod partikolari fid-dawl tad-dibattitu li għaddej fuq iil-livell tal-UE u l-miżuri ta' politika li jistgħu jitniedu mill-Kummissjoni f'dan il-kuntest.

([5]) Il-KEDP irrisponda billi enfasizza l-importanza li jitqiesu l-kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta u tal-privatezza flimkien ma' drittijiet u valuri eżistenti oħra. Ir-risposta hija disponibbli f': http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Comments/2010/10-10-06_EC_Consultation_Open_Internet_EN.pdf

([6]) Disponibbli f' http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/11/st14/st14209.en11.pdf

([7]) Dan jinkludi l-provvista ta' aċċess fiss kif ukoll dak mobbli għall-Internet.

([8]) Għalkemm il-prinċipju ma japplikax għall-ISPs billi jimponi limiti fuq il-veloċità jew l-ammont ta' informazzjoni li l-abbonat ikun jista' jibgħat jew jirċievi permezz ta' abbonamenti b'limiti fuq il-medda ta' frekwenzi jew il-volum. Għalhekk, skont prinċipju ta' newtralità ta-net, l-ISPs xorta jkunu jistgħu joffru abbonamenti tal-aċċess għall-Internet li jillimitaw l-aċċess ibbażat fuq kriterji bħall-veloċità jew il-volum sakemm dan ma jkunx jeħtieġ diskriminazzjoni favur jew kontra kontenut partikolari.

9. Il-KEPD huwa konxju li n-newtralità tan-net tqajjem kwistjonijiet oħra, li huma deskritti aħjar hawn taħt, bħal dawk relatati mal-aċċess għall-informazzjoni. Dawn il-kwistjonijiet huma ttrattati biss sal-punt li jkunu relatati jew ikollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza.

10. L-Opinjoni hija strutturata kif ġej. It-Taqsima II tibda billi tipprovdi ħarsa ġenerali fil-qosor tal-prattiki dwar il-filtrazzjoni mill-ISPs. It-Taqsima III tiddeskrivi l-qafas legali tal-UE dwar in-newtralità tan-net. It-Taqsima IV tkompli b'deskrizzjoni teknika segwita minn valutazzjoni tal-implikazzjonijiet tal-privatezza, skont it-teknika użata. It-Taqsima V tanalizza d-dettalji prattiċi dwar l-applikazzjoni tal-qafas attwali tal-UE dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta. Filwaqt li tibni fuq l-analiżi, it-Taqsima VI fiha suġġerimenti għal żviluppi ulterjuri tal-politika u tidentifika l-oqsma fejn jista' jkun meħtieġ li ssir kjarifika u titjib tal-qafas legali. It-Taqsima VII fiha l-konklużjonijiet.

## II. **NEWTRALITÀ TAN-NET U POLITIKI TAL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU**

*Żieda fl-użu ta' politiki tal-ġestjoni tat-traffiku*

11. Tradizzjonalment l-ISPs kienu involuti fil-monitoraġġ u l-influwenzar fuq it-traffiku tan-netwerk biss f'ċirkostanzi limitati. Pereżempju, l-ISPs applikaw tekniki ta' spezzjoni u flussi ristretti ta' informazzjoni sabiex jippreservaw is-sigurtà tan-netwerk, eż għall-ġlieda kontra l-vajrusis. Għalhekk, ġeneralment, l-Internet kiber filwaqt li żamm livell għoli ta' newtralità.

12. Madankollu, fis-snin riċenti, ċerti ISPs urew interess fl-ispezzjonar tat-traffiku tan-netwerk sabiex jiddifferenzjaw u japplikaw politiki differenti għalih, pereżempju, biex jimblukkaw servizzi speċifiċi jew jagħtu aċċess ta' preferenza lil oħrajn. Xi drabi, dan jissejjaħ 'politiki tal-ġestjoni tat-traffiku' ([9]).

13. Hemm bosta raġunijiet għaliex l-ISPs jispezzjonaw u jiddifferenzjaw it-traffiku. Pereżempju, il-politiki tal-ġestjoni tat-traffiku jistgħu jgħinu lill-ISPs biex jirregolaw it-traffiku matul perjodi ta' konġestjoni għolja, pereżempju, billi jagħtu prijorità lil ċertu traffiku sensittiv għall-ħin, bħall-"video streaming" u jnaqqsu tipi oħra ta' traffiku li jista' ma jkunx daqshekk sensittiv għall-ħin, bħall-P2P ([10]). Barra minn hekk, il-ġestjoni tat-traffiku tista' tkun mezz għall-ISPs biex jiksbu fluss ta' dħul potenzjali, li jista' joriġina minn sorsi differenti. Minn naħa waħda, l-ISPs jistgħu jimponu ħlasijiet fuq il-fornituri tas-servizz tal-kontenut, pereżempju, dawk li s-servizzi tagħhom jeħtieġu l-użu ta' medda ta' frekwenzi aktar għolja, bħala skambju għall-għoti ta' prijorità (u għalhekk veloċità). Dan ikun ifisser li l-aċċess għal servizz partikolari, pereżempju, servizz li jipprovdi vidjows fuq talba, ikun aktar mgħaġġel mill-aċċess għal servizz simili ieħor li ma jkunx abbonat għal trażmissjoni b'veloċità għolja. Id-dħul jista' jinkiseb ukoll minn abbonati interessati li jħallsu miżati aktar għoljin (jew orħos) għal ċerti tipi ta' abbonamenti differenzjati. Pereżempju, abbonament mingħajr aċċess għal P2P jista' jkun irħas minn wieħed li jagħti aċċess mingħajr limiti.

14. Minbarra r-raġunijiet tal-ISPs stess għall-użu ta' politiki ta' ġestjoni tat-traffiku, partijiet oħra jista' jkollhom interess biex l-ISPs jużaw politiki ta' ġestjoni tat-traffiku. Jekk l-ISPs jamministraw in-netwerks tagħhom u jwettqu spezzjoni tal-kontenut li jgħaddi mill-faċilitajiet tagħhom, x'aktarx li huma jżidu l-kapaċità tagħhom li jikxfu użu illegali allegat, eż. ksur ta' dritt tal-awtur jew użu pornografiku.

([9]) Ara pereżempju, ir-Rapport tal-OFCOM bit-titolu 'Site blocking to reduce online copyright infringement', adottat fis-27 ta' Mejju 2011, disponibbli f': http://www.culture.gov.uk/images/publications/Ofcom_Site-Blocking-_report_with_redactions_vs2.pdf: "Ċerti ISPs diġà jużaw sistemi ta' spezzjoni tal-pakketti fin-netwerk tagħhom għall-ġestjoni tat-traffiku u għal finijiet oħra, għalhekk nassumu li dan jista' jintuża, minkejja li jinvolvi livell għoli ta' kumplessità u spejjeż għal dawk li għad m'għandhomx dawn is-servizzi. Jista' jkun li f'terminu ta' żmien qasir sa terminu ta' żmien medju DPI jista' jiġi użat biss mill-ISPs il-kbar minħabba l-investiment tal-kapital meħtieġ".

([10]) Il-kwalità tal-applikazzjonijiet fil-ħin reali bħall-'video streaming' tiddependi, fost affarijiet oħra, fuq id-dewmien, jiġifieri, dewmien dovut pereżempju għall-konġestjoni fin-netwerk.

*Interessi oħra involuti, inklużi l-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza*

15. Din it-tendenza wasslet għal dibattitu dwar il-leġittimità ta’ dan it-tip ta’ prattiki u b’mod partikolari jekk obbligi speċifiċi dwar in-newtralità tan-net għandhomx jiġu żviluppati aktar bil-liġi.

16. Huwa possibbli li ż-żieda fl-użu mill-ISPs ta’ politiki tal-ġestjoni tat-traffiku tillimita l-aċċess għall-informazzjoni. Jekk din l-imġiba tkun saret prattika komuni u ma jkunx possibbli (jew tkun jiswa ħafna) għall-utenti sabiex ikollhom aċċess għall-Internet sħiħ kif nafuh aħna, dan jipperikola l-aċċess għall-informazzjoni u l-kapaċità tal-utent biex jibgħat u jirċievi l-kontenut li jixtieq permezz tal-applikazzjonijiet jew servizzi li jagħżel hu. Prinċipju li jkun legalment obbligatorju dwar in-newtralità tan-net jista’ jevita din il-problema.

17. Dan iwassal lill-KEPD għall-implikazzjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza meta l-ISPs iwettqu ġestjoni tat-traffiku. B’mod aktar partikolari:

— Meta l-ISPs jipproċessaw traffiku tad-dejta bl-iskop uniku li jipprovdu r-rotta tal-fluss tal-informazzjoni mill-emittent għar-riċevitur, dawn ġeneralment iwettqu pproċessar limitat tad-dejta personali ([11]). Bl-istess mod bħal kif is-servizz postali jipproċessa l-informazzjoni inkluża fuq l-envelop ta’ ittra, l-ISP jipproċessa l-informazzjoni meħtieġa għar-rotta tal-komunikazzjoni lejn ir-riċevitur. Dan ma jidħolx f’kunflitt mal-ħtiġijiet legali tal-protezzjoni tad-dejta, tal-privatezza u tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet.

— Madankollu, meta l-ISPs jispezzjonaw id-dejta tal-komunikazzjoni sabiex jiddifferenzjaw kull fluss ta’ komunikazzjoni u sabiex japplikaw politiki speċifiċi, li jista’ jkun sfavorevoli għall-individwi, l-implikazzjonijiet huma aktar sinifikanti. Skont iċ-ċirkustanzi ta’ kull każ u t-tip ta’ analiżi mwettqa, l-ipproċessar jista’ jkun ferm intruživ għall-privatezza u d-dejta personali ta’ individwu. Dan huwa aktar ovvju meta l-politiki tal-ġestjoni jiżvelaw il-kontenut tal-komunikazzjonijiet bl-Internet tal-individwi, inklużi emails mibgħuta u riċevuti, websajts li jkunu żaru, fajls imniżżla jew imtella’, eċċ.

## III. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-QAFAS LEGALI TAL-UE DWAR IN-NEWTRALITÀ TAN-NET U ŻVILUPPI POLITIĊI ULTERJURI

### III.1. Il-qafas legali fil-qosor

18. Sal-2009, l-istrumenti leġiżlattivi tal-UE ma kienx fihom dispożizzjonijiet li jipprojbixxu b’mod espliċitu lill-ISPs milli jwettqu filtrazzjoni jew imblukkar jew jimponu ħlasijiet żejda fuq l-abbonati għal aċċess għas-servizzi. Fl-istess ħin, dawn ma kienx fihom dispożizzjonijiet li jirrikonoxxu din il-prattika b’mod espliċitu. Is-sitwazzjoni kienet, sa ċertu punt, waħda ta’ inċertezza.

19. Il-pakkett tat-Telecom 2009 biddel dan billi inkluda dispożizzjonijiet favur il-ftuħ tal-Internet. Pereżempju, l-Artikolu 8(4) dwar qafas regolatorju komuni għan-networks ta’ komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (“Direttiva Qafas”) jistabbilixxi obbligu fuq l-awtoritajiet regolatorji sabiex jippromwovu l-kapaċità tal-utenti finali biex ikollhom aċċess għall-kontenut, applikazzjonijiet jew servizzi li jagħżlu huma ([12]). Din id-dispożizzjoni tapplika għan-netwerk kollu kemm hu, mhux fil-livell tal-fornituri individwali. Abbozz ta’ konklużjonijiet riċenti tal-Kunsill enfasizza wkoll il-ħtieġa li jinżamm il-ftuħ tal-Internet ([13]).

([11]) Dan jeskludi operazzjonijiet immirati biex iżidu s-sigurtà tan-netwerk u jaqbdu traffiku li jikkawża danni kif ukoll operazzjonijiet meħtieġa għall-kontijiet u interkonnessjoni. Huwa jeskludi wkoll obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Data, id-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2006 dwar iż-żamma ta’ dejta ġenerata jew proċessata b’konnessjoni mal-provvista ta’ servizzi pubblikament disponibbli ta’ komunikazzjoni elettronika jew ta’ netwerks ta’ komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE (ĠU L 105, 13.4.2006, p. 54) (“Direttiva dwar iż-Żamma tad-Data”).

([12]) Id-Direttiva 2002/21/KE tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta’ komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, kif emendata mid-Direttiva 2009/140/KE u r-Regolament (KE) Nru 544/2009 (ĠU L 337, 18.12.2009, p. 37).

([13]) Ara l-punt 3(e), fejn il-Kunsill jirrikonoxxi: ‘Il-ħtieġa li jinżamm il-ftuħ tal-Internet filwaqt li jiġi żgurat li dan jista’ jkompli jipprovdi servizzi ta’ kwalità għolja f’qafas li jippromwovi u jirrispetta d-drittijiet fundamentali bħal-libertà ta’ espressjoni u l-libertà li jitwettqu attivitajiet ekonomiċi’ u 8(d), li jistieden lill-Istati Membri sabiex “Jippromwovu n-natura miftuħa u newtrali tal-Internet bħala l-għan tal-politika tagħhom”.

20. Id-Direttiva Servizz Universali ([14]) tinkludi obbligi aktar konkreti. L-Artikoli 20 u 21 jistabbilixxu ħtiġijiet ta' trasparenza rigward il-limitazzjonijiet dwar l-aċċess għal u/jew l-użu ta' servizzi u applikazzjonijiet. Hija teħtieġ ukoll livelli minimi ta' kwalità fis-servizzi.

21. Għal prattiki tal-ISP li jinvolvu l-ispezzjoni ta' komunikazzjonijiet tal-individwi, il-Premessa 28 tad-Direttiva li temenda d-Direttiva Servizz Universali u d-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika ([15]) tenfasizza li 'skont it-teknoloġija użata u t-tip ta' limitazzjoni, dawn il-limitazzjonijiet jistgħu jirrikjedu l-kunsens tal-utent konformement mad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika'. Għalhekk, il-Premessa 28 tfakkar il-ħtieġa tal-kunsens skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika għal kwalunkwe limitazzjonijiet fuq il-bażi ta' monitoraġġ ta' komunikazzjonijiet. It-Taqsima IV ta' hawn isfel tkompli tanalizza l-applikazzjoni tal-Artikolu 5(1) u l-qafas legali ġenerali tal-protezzjoni tad-dejta u tal-privatezza.

22. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 22(3) tad-Direttiva Servizz Universali issa jawtorizza lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex, jekk ikun meħtieġ, jimponu l-ħtiġijiet minimi tal-kwalità tas-servizz fuq l-ISPs sabiex jipprevjenu d-degradazzjoni tas-servizzi u t-tfixkil jew dewmien fit-traffiku tan-netwerks pubbliċi.

23. Dan ta' hawn fuq ifisser li fil-livell tal-UE hemm aspirazzjoni wiesgħa għal Internet miftuħ (ara l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva Qafas). Madankollu, dan l-għan tal-politika, li japplika għan-netwerk kollu kemm hu, mhuwiex marbut direttament mal-projbizzjonijiet jew obbligi fuq l-ISPs individwali. Fi kliem ieħor, ISP jista' jwettaq politiki tal-ġestjoni tat-traffiku, li jistgħu jeskludu aċċess għal ċerti applikazzjonijiet, sakemm l-utenti finali jiġu infurmati b'mod sħiħ, u jkunu esprimew il-kunsens tagħhom b'mod liberu, speċifikament u mingħajr ambigwità.

24. Is-sitwazzjoni tista' tvarja skont l-Istati Membri. F'xi Stati Membri l-ISPs jistgħu, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, jinvolvu ruħhom f'politiki ta' ġestjoni tat-traffiku, pereżempju, biex jimblukkaw applikazzjonijiet bħall-VoIP (bħala parti minn abbonament irħas tal-Internet), sakemm l-individwi jkunu taw il-kunsens infurmat, liberu, speċifiku u mhux ambigwu tagħhom. Stati Membri oħra għażlu li jsaħħu l-prinċipju tan-newtralità tan-net. Pereżempju, f'Lulju 2011 il-Parlament Olandiż għadda liġi li tipprojbixxi b'mod ġenerali lill-fornituri milli jfixklu jew idewmu l-applikazzjonijiet jew servizzi fuq l-internet (bħall-VoIP), sakemm dan ma jkunx meħtieġ biex jiġu minimizzati l-effetti tal-konġestjoni, għal raġunijiet ta' integrità jew sigurtà, għall-ġlieda kontra l-ispam jew skont ordni tal-qorti ([16]).

### III.2. Il-Komunikazzjoni dwar in-Newtralità tan-Net

25. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar in-newtralità tan-net ([17]), il-Kummissjoni Ewropea kkonkludiet li s-sitwazzjoni tan-newtralità tan-net hija waħda li teħtieġ monitoraġġ u analiżi ulterjuri. Il-politika tagħha ġiet imsejħa 'trid tistenna biex tara', qabel ma jiġu kkunsidrati passi regolatorji ulterjuri.

([14]) Id-Direttiva 2002/22/KE kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad- dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi. (ĠU L 337, 18.12.2009, p. 11). Qabbel ukoll l-Artikolu 1(3), li jiddikjara li d-Direttiva la teħtieġ u lanqas timpedixxi lill-ISPs milli jillimitaw l-aċċess tal-utenti finali għal, u/jew l-użu ta', servizzi u applikazzjonijiet, fejn dan ikun awtorizzat taħt il-liġi nazzjonali u b'mod konformi mal-liġi Komunitarja, iżda teħtieġ li dawn jagħtu informazzjoni dwar kundizzjonijiet bħal dawn.

([15]) Id-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad- dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi.

([16]) L-emenda Olandiża oriġinali tista' tinstab f': https://zoek.officielebekendmakingen.nl/kst-32549-A.html Ir-raġunijiet irrappurtati mill-istampa għal għażla ta' politika bħal din ma rreferewx għal kunsiderazzjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta jew tal-privatezza iżda pjuttost għal raġunijiet relatati mal-iżgurar li l-utenti ma jiġux imċaħħda jew jingħataw aċċess limitat għal informazzjoni. Għalhekk jidher li l-kwistjonijiet relatati mal-aċċess għal informazzjoni kienu ta' motivazzjoni għal din l-emenda.

([17]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 4.

26. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rrikonoxxiet li kwalunkwe miżura u passi regolatorji ulterjuri jkunu suġġetti għal evalwazzjoni fil-fond ta' aspetti tal-protezzjoni tad-dejta u aspetti tal-privatezza. L-abbozz tal-konklużjonijiet tal-Kunsill jikkunsidra wkoll il-kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta u tal-privatezza involuti ([18]).

27. Id-domanda li għandha tiġi vvalutata minn perspettiva tal-protezzjoni tad-dejta u tal-privatezza hija jekk politika ta' trid tistenna biex tara hix biżżejjed. Filwaqt li l-qafas tal-protezzjoni tad-dejta u tal-privatezza, attwalment, jipprevedi xi salvagwardji b'mod speċjali permezz tal-prinċipju tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, jidher li huwa meħtieġ li jiġi ssorveljat mill-qrib il-livell ta' konformità u li tinħareġ gwida fuq diversi aspetti li mhumiex daqshekk ċari. Barra minn hekk, fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi, għandhom jitressqu xi ħsibijiet dwar kif il-qafas jista' jiġi ċċarat u mtejjeb aktar. Jekk il-monitoraġġ juri li s-suq ikun qed jevolvi lejn spezzjoni massiva, fil-ħin reali tal-komunikazzjonijiet u l-kwistjonijiet relatati mal-konformità mal-qafas, se jkunu meħtieġa miżuri leġiżlattivi. Fit-Taqsima VI, se jitressqu suġġerimenti konkreti f'dan ir-rigward.

## IV. **SFOND TEKNIKU U IMPLIKAZZJONIJIET RELATATI TAL-PRIVATEZZA U TAL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA**

28. Qabel ma nidħlu aktar fil-fond tas-suġġett, huwa importanti li jkollna idea aktar ċara tat-tekniki ta' spezzjoni li jistgħu jintużaw mill-ISPs biex iwettqu ġestjoni tat-traffiku u kif dan jista' jkollu impatt fuq il-prinċipju tan-newtralità tan-net. L-implikazzjonijiet tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-dejta miksuba minn tekniki bħal dawn ivarjaw b'mod sostanzjali skont liema teknika/i hija/huma użata/i. Dan l-isfond tekniku huwa neċessarju sabiex wieħed jifhem u japplika b'mod korrett il-qafas legali tal-protezzjoni tad-dejta deskritt fit-Taqsima V. Madankollu, għandu jiġi osservat li dan huwa qasam li dejjem jinbidel u kumpless. Id-deskrizzjoni ta' hawn taħt għalhekk mhix maħsuba li tkun eżawrjenti u kompletament aġġornata, iżda li tipprovdi biss l-informazzjoni teknika li hija indispensabbli biex wieħed jifhem ir-raġunament legali.

### IV.1. **Trażmissjoni ta' informazzjoni permezz tal-Internet: l-affarijiet bażiċi**

29. Meta utent jibgħat komunikazzjoni permezz tal-Internet, l-informazzjoni trażmessa tinqasam f'pakketti. Dawn il-pakketti jiġu trażmessi madwar l-Internet mill-emittent għar-riċevitur. Kull pakkett jinkludu, fost affarijiet oħra, informazzjoni dwar is-sors u d-destinazzjoni. Barra dan, l-ISPs jistgħu jdaħħlu dawn il-pakketti f'saffi u protokolli addizzjonali ([19]), li se jintużaw għall-ġestjoni ta' flussi tat-traffiku differenti fi ħdan in-netwerk tal-ISP.

30. B'riferiment għall-analoġija tal-ittra postali, l-użu ta' protokoll ta' trażmissjoni tan-netwerk huwa ekwivalenti għall-inklużjoni ta' kontenut ta' ittra postali f'envelop b'indirizz ta' destinazzjoni li jinqara mis-servizz postali u li mbagħad jikkonsenjah is-servizz postali. Is-servizz postali jista' juża protokolli addizzjonali fit-tranżiti interni tiegħu biex jimmaniġġja l-envelops kollha li għandhom jintbagħtu, bil-għan li kull envelop jasal fid-destinazzjoni tiegħu kif oriġinarjament maħsub mill-emittent. Permezz ta' din l-analoġija, kull pakkett għandu żewġ partijiet, l-*IP payload* li jinkludi l-kontenut tal-komunikazzjoni u li se jkun ekwivalenti għall-ittra. Dan jinkludi informazzjoni indirizzata biss lir-riċevitur. It-tieni parti tal-pakkett hija l-*IP header* li jinkludi, fost affarijiet oħra, l-indirizz tar-riċevitur u tal-emittent u li se jkun ekwivalenti għall-envelop. L-*IP header* jippermetti lill-ISPs u intermedjarji oħra jibgħatu l-*payload* mill-indirizz ta' oriġini lill-indirizz destinatarju tiegħu.

31. L-ISPs u intermedjarji oħra jiżguraw li l-pakketti tal-IP jivvjaġġaw fin-netwerk permezz ta' nodi li jaqraw l-informazzjoni tal-*IP header*, jiċċekkjawha skont tabelli tar-*routing*, u mbagħad jgħadduhom lejn in-nodu li jmiss fil-passaġġ għad-destinazzjoni. Dan il-proċess isir fin-netwerk permezz ta' approċċ ta' 'l-aħjar

([18]) Ara l-punt 4(e), fejn il-Kunsill josserva: "L-eżistenza ta' ċertu tħassib, li prinċipalment ġej mill-konsumaturi u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta, rigward il-protezzjoni tad-dejta personali".

([19]) Kif deskritt b'mod ulterjuri fit-Taqsima IV.2, dawn il-protokolli jikkodifikaw l-informazzjoni li tiġi trażmessa minn punt għall-ieħor b'mod miftiehem sabiex il-partijiet involuti fil-komunikazzjoni jkunu jistgħu jifhmu lil xulxin, bħal HTTP, FTP, eċċ.

sforz mingħajr ma tintuża l-memorja' peress li l-pakketti kollha li jaslu f'nodu jiġu trattati b'mod newtrali. Meta dawn jintbagħtu lejn in-nodu li jmiss, ma jkunx hemm bżonn li tinżamm informazzjoni oħra fir-*router* ([20]).

## IV.2. **Tekniki ta' spezzjoni**

32. Kif muri hawn fuq, l-ISPs jaqraw l-*IP headers* bl-iskop li jibgħatuhom lejn id-destinazzjoni tagħhom. Madankollu, kif deskritt hawn fuq, l-analiżijiet tat-traffiku (li jinvolvu *IP headers* u *IP payloads*) jistgħu jitwettqu għal finijiet oħra u b'tipi ta' teknoloġiji differenti. Xejriet ġodda jistgħu jinkludu pereżempju t-tnaqqis fil-veloċità ta' ċerti applikazzjonijiet li jintużaw mill-utenti, bħall-P2P, jew alternattivament, iż-żieda fil-veloċità tat-traffiku għal ċerti servizzi bħal servizzi ta' vidjow fuq talba (*video-on-demand*) għall-abbonati primjum. Filwaqt li t-tekniki kollha ta' spezzjoni jwettqu b'mod *tekniku* spezzjoni tal-pakketti, dawn jinvolvu livelli differenti ta' intrużjoni. Hemm żewġ kategoriji ewlenin ta' tekniki ta' spezzjoni. Waħda hija bbażata biss fuq l-*IP header*, filwaqt li l-oħra hija bbażata wkoll fuq l-*IP payload*.

*Abbażi tal-informazzjoni tal-IP header*. L-ispezzjoni ta' pakkett ta' *IP header* tiżvela xi oqsma li jistgħu jippermettu lill-ISPs japplikaw numru ta' politiki speċifiċi għall-ġestjoni tat-traffiku. Dawn it-tekniki li huma bbażati biss fuq l-ispezzjoni ta' *IP headers* jipproċessaw dejta li, fil-prinċipju, hija maħsuba għal informazzjoni ta' *routing*, għal skop differenti (jiġifieri d-differenzazzjoni tat-traffiku). B'ħarsa lejn l-indirizz tas-sors tal-IP, l-ISP jista' jorbtu ma' abbonat konkret u japplika xi politiki speċifiċi, pereżempju r-*routing* tal-pakkett permezz ta' link aktar veloċi jew anqas veloċi. B'ħarsa lejn l-indirizz tad-destinazzjoni tal-IP, l-ISP jista' japplika wkoll politiki speċifiċi, pereżempju imblukkar jew filtrazzjoni ta' aċċess għal ċerti websajts.

*Abbażi ta' spezzjoni aktar fil-fond*. L-ispezzjoni tal-pakketti fil-fond tippermetti lill-ISP jaċċessa informazzjoni indirizzata lir-riċevitur tal-komunikazzjoni biss. Jekk immorru lura għall-eżempju tas-servizz postali, dan l-approċċ huwa ekwivalenti għall-ftuħ tal-envelop u l-qari tal-ittra ta' ġo fih sabiex issir analiżi tal-kontenut tal-komunikazzjoni (inkapsulat fil-pakketti tal-IP) sabiex tiġi applikata politika speċifika tan-netwerk. Hemm modi differenti ta' kif titwettaq l-ispezzjoni, u kull wieħed jippreżenta theddidiet differenti għas-suġġett tad-dejta.

— *Spezzjoni tal-pakketti fil-fond ibbażata fuq l-analiżi tal-protokolli u fuq ir-rekords tal-istatistika*. Minbarra l-protokoll tal-IP, li huwa maħsub biex jippermetti li d-dejta tiġi trażmessa madwar l-Internet, jeżistu protokolli addizzjonali li jikkodifikaw l-informazzjoni li tiġi trażmessa b'mod miftiehem (trasport, sessjoni, preżentazzjoni u applikazzjoni, eċċ.). L-għan ta' dawn il-protokolli huwa li jiżguraw li l-partijiet involuti fil-komunikazzjoni jkunu jistgħu jifhmu lil xulxin. Pereżempju, hemm xi protokolli li huma assoċjati mal-ibbrawżjar tal-web ([21]), oħrajn huma marbuta mat-trasferimenti tal-fajls ([22]), eċċ. Għalhekk tekniki ta' spezzjoni bbażati fuq l-ispezzjoni tal-protokolli u kkombinati ma' analiżi tal-istatistika għandhom l-għan li jsibu mudelli jew marki tas-swaba speċifiċi li jiddeterminaw liema protokolli huma preżenti ([23]). Dawn it-tekniki ta' spezzjoni jippermettu lill-ISPs jifhmu t-tip ta' komunikazzjoni (*email*, ibbrawżjar tal-web, t-tlugħ tal-fajls) u, f'xi każijiet, biex jiġu identifikati s-servizz jew l-applikazzjoni speċifika użata, bħal fil-każ ta' xi komunikazzjonijiet VoIP fejn il-protokolli użati huma speċifiċi ħafna għal bejjiegħ jew fornitur tas-servizz konkret. Minnu nnifsu, l-għarfien tat-tip ta' komunikazzjoni jista' jippermetti lill-ISPs japplikaw politiki konkreti għall-ġestjoni tat-traffiku. Pereżempju, biex jimblukkaw it-traffiku tal-web. Dan jista' jkun ukoll l-ewwel pass biex l-ISP ikun jista' jwettaq analiżijiet oħra li jistgħu jkunu jeħtieġu aċċess sħiħ għall-metadejta u l-kontenut tal-komunikazzjoni.

([20]) Madankollu, it-tagħmir tan-netwerk tal-Internet juża protokolli ta' *routing* li se jirreġistraw l-attività, jipproċessaw l-istatistika tat-traffiku, u jiskambjaw informazzjoni ma' tagħmir ieħor tan-netwerk sabiex jittrasferixxu pakketti tal-IP permezz tal-aktar mogħdija effiċjenti. Pereżempju, mta jkun hemm konġestjoni f'link jew il-link ikun miksur, u *router* jirċievi din l-informazzjoni, huwa jaġġorna t-tabella tar-*routing* tiegħu permezz ta' xi alternattiva mingħajr ma juża dak il-link. Għandhom jiġu osservati wkoll il-ġabra u l-ipproċessar li f'xi każijiet jistgħu jsiru għall-finijiet ta' kontijiet jew anki skont il-ħtiġijiet tad-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Data.

([21]) HTTP — *Hypertext transfer protocol* — jew HTML — *Hypertext Markup Language*.

([22]) FTP — *File transfer protocol*.

([23]) Hemm modi differenti ta' kif jistgħu jiġu identifikati l-protokolli użati. Pereżempju, huwa possibbli li jsir tiftiex f'oqsma speċifiċi ta' protokolli interni, eż. biex jiġu identifikati ports li jintużaw biex tiġi stabbilita l-komunikazzjoni. Karatterizzazzjoni statistika ta' fluss ta' komunikazzjoni tista' tiġi inferita mill-analiżi ta' xi oqsma speċifiċi, korrelazzjoni tal-protokolli użati b'mod simultanju bejn żewġ indirizzi tal-IP.

— *Spezzjoni tal-pakketti fil-fond ibbażata fuq l-analiżi tal-kontenut tal-komunikazzjoni*. Fl-aħħar nett, huwa possibbli wkoll li tiġi spezzjonata l-metadejta ([24]) u l-kontenut ta' komunikazzjoni nnifisha. Din it-teknika tikkonsisti fil-interċettazzjoni tal-pakketti kollha tal-IP li huma parti mill-fluss ta' komunikazzjoni oriġinali sabiex il-kontenut oriġinali tal-komunikazzjoni jkun jista' jiġi rikostriwit b'mod sħiħ u analizzat. Pereżempju, biex wieħed jiskopri kontenut dannuż jew illegali bħal vajrusis, pornografija tat-tfal, eċċ, huwa meħtieġ li l-kontenut innifsu jiġi rikostriwit biex b'hekk ikun jista' jiġi analizzat. Għandu jiġi osservat li xi kultant il-komunikazzjoni tista' tiġi kriptata espliċitament minn punt għall-ieħor mill-partijiet involuti u din il-prattika se timpedixxi lill-ISPs milli jwettqu analiżi tal-kontenut tal-komunikazzjoni.

### IV.3. **Implikazzjonijiet ta' privatezza u ta' protezzjoni tad-dejta**

33. Tekniki ta' spezzjoni bbażati fuq *IP headers* u b'mod partikolari dawk ibbażati fuq l-ispezzjoni tal-pakketti jinvolvu l-monitoraġġ u l-filtrazzjoni ta' din id-dejta u għandhom implikazzjonijiet serji f'termini ta' privatezza u protezzjoni tad-dejta. Dawn jistgħu wkoll imorru kontra d-dritt tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet.

34. Ħarsa lejn il-komunikazzjonijiet tal-individwi, fiha nnifisha, għandha implikazzjonijiet serji fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta. Madankollu, il-problema hija aktar mifruxa peress li, skont l-effetti segwiti bil-monitoraġġ u l-interċettazzjoni, l-implikazzjonijiet tal-privatezza jistgħu jkomplu jiżdiedu. Fil-fatt, mhuwiex l-istess bħas-sempliċi spezzjoni tal-komunikazzjonijiet, pereżempju, biex jiġi żgurat li s-sistema taħdem sew, u l-ispezzjoni ta' komunikazzjonijiet biex jiġu applikati politiki li jistgħu jħallu impatt fuq l-individwi. Meta l-politiki tat-traffiku u ta' selezzjoni jistgħu jippruvaw jevitaw il-konġestjoni tan-netwerk biss, ġeneralment ma jkun hemm l-ebda implikazzjoni prinċipali għall-privatezza tal-individwu. Madankollu, il-politiki tal-ġestjoni tat-traffiku jistgħu jippruvaw jimblukkaw parti mill-informazzjoni tal-kontenut, jew jinfluwenzaw il-komunikazzjoni, pereżempju permezz ta' reklamar li jagħraf l-imġiba. F'dawk il-każijiet l-effetti huma aktar intrużivi. It-tħassib isir aktar kritiku jekk wieħed jirrealizza li din it-tip ta' informazzjoni ma tingabarx biss għal grupp żgħir ta' individwi iżda pjuttost fuq bażi ġeneralizzata, għall-klijenti kollha tal-ISPs ([25]). Jekk l-ISPs kollha jħaddnu tekniki ta' filtrazzjoni, dan jista' jwassal għal monitoraġġ ġeneralizzat tal-użu tal-Internet. Barra minn hekk, jekk wieħed jiffoka fuq it-tip ta' informazzjoni li qed tiġi pproċessata, ir-riskji għall-privatezza huma ovvjament għolja, daqs kemm l-informazzjoni miġbura x'aktarx li tkun sensittiva ħafna u, wara li tingabar, issir disponibbli għall-ISPs u għal dawk li jfittxu informazzjoni minn għandhom. Barra minn hekk, l-informazzjoni tista' tkun ukoll ta' valur kbir f'termini kummerċjali. Fih innifsu, dan jirrappreżenta riskju għoli ta' *function creep* fejn l-għanijiet inizjali jistgħu jevolvu faċilment fi sfruttament kummerċjali jew sfruttament ieħor tal-informazzjoni miġbura.

35. L-applikazzjoni korretta ta' tekniki ta' monitoraġġ u spezzjoni u ta' filtrazzjoni għandha ssir b'mod konformi mas-salvagwardji ta' protezzjoni tad-dejta u ta' privatezza applikabbli, li jistabbilixxu limiti dwar x'jista' jsir u f'liema ċirkostanzi. Wara dan, issir ħarsa ġenerali lejn is-salvagwardji applikabbli taħt il-qafas legali attwali tal-protezzjoni tad-dejta u tal-privatezza tal-UE.

## V. **L-APPLIKAZZJONI TAL-QAFAS LEGALI TAL-PRIVATEZZA U L-PROTEZZJONI TAD-DEJTA TAL-UE**

36. Il-qafas tal-protezzjoni tad-dejta tal-UE huwa teknoloġikament newtrali; bħala tali, dan ma jirregolax tekniki ta' spezzjoni speċifiċi bħal dawk deskritti hawn fuq. Id-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika tirregola l-privatezza fil-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika

([24]) Kull protokoll għandu xi oqsma speċifiċi fil-*header* tiegħu li jipprovdu informazzjoni addizzjonali informali dwar il-komunikazzjoni trażmessa. Għalhekk il-kontenut ta' dawk l-oqsma tista' titqies bħala l-metadejta tal-komunikazzjoni. Eżempju ta' dawn l-oqsma jista' jkun in-numru tal-port użat, fejn, pereżempju, jekk in-numru huwa 80, x'aktarx li t-tip ta' komunikazzjoni tkun tinvolvi bbrawżjar tal-web.

([25]) Ċertament, il-kapaċitajiet ta' rintraċċar mhumiex esklussivi għall-ISPs. Minflok, il-fornituri tan-netwerks tar-reklami huma kapaċi wkoll, permezz tal-użu ta' cookies ta' parti terza użati li jirrintraċċaw utenti fil-websajts. Ara pereżempju artikolu akkademiku riċenti li juri li Google għandu preżenza ta' 97 fuq l-aħjar 100 websajt, li jfisser li Google jista' jirrintraċċa utenti li għażlu *cookies* ta' parti terza meta jibbrawżjaw dawn il-websajts popolari. Ara: *Ayenson, Mika, Wambach, Dietrich James, Soltani, Ashkan, Good, Nathan and Hoofnagle, Chris Jay, Flash Cookies and Privacy II: Now with HTML5 and ETag Respawning* (Lulju 29, 2011). Disponibbli f'SSRN: http://ssrn.com/abstract=1898390. Ir-rintraċċar ta' utenti permezz ta' *cookies* ta' parti terza ġie indirizzat mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29. Ara l-Opinjoni 2/2010 dwar ir-reklamar onlajn li jagħraf l-imġiba, adottata fit-22 ta' Ġunju 2010 (WP 171).

f'netwerks pubbliċi (tipikament aċċess għall-Internet u telefonija) ([26]) filwaqt li d-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data tirregola l-ipproċessar tad-dejta b'mod ġenerali. Fit-totalità tiegħu dan il-qafas legali jistabbilixxi obbligi differenti li japplikaw għal ISPs li jipproċessaw u jissorveljaw id-dejta dwar it-traffiku u l-komunikazzjoni.

### V.1. **Raġunijiet legali għall-ipproċessar ta' dejta dwar it-traffiku u l-kontenut**

37. Skont il-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tad-dejta, l-ipproċessar ta' dejta personali, bħal f'dan il-każ l-ipproċessar ta' dejta dwar it-traffiku u l-komunikazzjoni, jeħtieġ raġuni legali adegwata. Minbarra dan ir-rekwiżit ġenerali, f'ċerti każijiet jistgħu japplikaw rekwiżiti speċifiċi.

38. F'dan il-każ, it-tip ta' dejta personali pproċessata mill-ISPs tirreferi għad-dejta dwar it-traffiku u l-kontenut tal-komunikazzjonijiet. Il-kontenut tal-komunikazzjonijiet u d-dejta dwar it-traffiku huma protetti t-tnejn mid-dritt għall-kunfidenzjalità tal-korrispondenza, li huwa ggarantit mill-Artikolu 8 KEDB u l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta. B'mod aktar partikolari, l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika, intitolat 'kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet' jeħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u d-dejta dwar it-traffiku relatata permezz ta' netwerk pubbliku ta' komunikazzjonijiet u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament. Fl-istess ħin, l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika jipprevedi li l-ipproċessar tad-dejta dwar it-traffiku u l-kontenut mill-ISPs jista' jiġi awtorizzat, f'ċerti ċirkostanzi, bil-kunsens tal-utenti. Dan iseħħ billi tiġi stipulata projbizzjoni għas-"smigħ, it-*tapping*, il-ħażna jew modi oħrajn ta' interċettazzjoni jew sorveljanza ta' komunikazzjonijiet u d-dejta dwar it-traffiku relatata minn persuni, minbarra l-utenti, mingħajr il-kunsens tal-utenti kkonċernati, ħlief fejn legalment awtorizzati li jagħmlu dan skont l-Artikolu 15(1)". Dan huwa żviluppat ulterjorment hawn taħt.

39. Minbarra l-kunsens tal-utenti kkonċernati, id-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika tipprevedi raġunijiet oħra li jistgħu jilleġittimaw l-ipproċessar mill-ISPs ta' dejta dwar it-traffiku u l-komunikazzjoni. Ir-raġunijiet legali rilevanti għall-ipproċessar f'dan il-każ huma (i) l-għoti tas-servizz; (ii) is-salvagwardja tas-sigurtà tas-servizz, u (iii) it-tnaqqis tal-konġestjoni. Raġunijiet possibbli oħra biex jiġu leġittimati politiki ta' ġestjoni bbażati fuq dejta dwar it-traffiku jew il-komunikazzjoni huma diskussi hawn taħt f'(iv).

(i) Raġunijiet legali għall-għoti tas-servizz

40. Kif muri fit-Taqsima IV, l-ISPs jipproċessaw l-informazzjoni fl-*IP header*s għall-finijiet li jikkonsistu fit-trasferiment ta' kull pakkett tal-IP lejn id-destinazzjoni tiegħu. L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika jippermettu l-ipproċessar tad-dejta dwar it-traffiku għall-iskopijiet li tintbagħat komunikazzjoni. Għaldaqstant, l-ISPs jistgħu jipproċessaw l-informazzjoni li hija meħtieġa għall-għoti tas-servizz.

(ii) Raġunijiet legali għas-salvagwardja tas-sigurtà tas-servizz

41. Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika, ISP għandu obbligu ġenerali li jieħu miżuri xierqa sabiex jissalvagwardja s-sigurtà tas-servizzi tiegħu. Il-prattika tal-filtrazzjoni tal-vajrusis tista' tinvolvi l-ipproċessar tal-*IP header*s u l-*IP payload*. B'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika jeħtieġ li l-ISPs jiżguraw is-sigurtà tan-netwerk, din id-dispożizzjoni tilleġittima tekniki ta' spezzjoni bbażati fuq *IP header*s u kontenut li għandhom b'mod strett l-għan li jiksbu dak l-iskop. Fil-prattika, dan ifisser li, fil-limiti stabbiliti mill-prinċipju ta' proporzjonalità (ara t-Taqsima V.3), l-ISPs jistgħu jinvolvu rwieħhom fil-monitoraġġ u l-filtrazzjoni ta' dejta ta' komunikazzjoni għall-ġlieda kontra l-vajrusis u jiżguraw b'mod globali s-sigurtà tan-netwerk ([27]).

([26]) Il-Premessa 10 tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 tistipula: "Fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, id-Direttiva 95/46/KE tapplika b'mod partikolari għall-materji kollha li jirrigwardaw il-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet fondamentali, li mhumiex speċifikatament koperti mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, inklużi l-obbligazzjonijiet fuq il-kontrollur u drittijiet tal-individwi'. Barra dan, il-Premessa 17 hija rilevanti f'dak li jirrigwarda l-kunsens tas-suġġett tad-dejta: 'Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, kunsens tal-utent jew tal-abbonat, irrispettivament minn jekk dan tal-aħħar huwiex persuna fiżika jew ġuridika, għandu jkollu l-istess tifsira tal-kunsens tas-suġġett tad-dejta hekk kif definita u speċifikata aktar fid-Direttiva 95/46/KE".

([27]) L-Opinjoni 2/2006 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar kwistjonijiet ta' privatezza relatati mal-provvista ta' servizzi ta' skrinjar tal-*emails*, adotatta fil-21 ta' Frar 2006 (WP 118). F'din l-Opinjoni, il-Grupp ta' Ħidma jqis li l-użu ta' filtri għall-finijiet tal-Artikolu 4 jista' jkun kumpatibbli mal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika.

(iii) Raġunijiet legali biex jiġu minimizzati l-effetti tal-konġestjoni

42. Ir-raġunament għal din ir-raġuni legali jinstab fil-Premessa 22 tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika, li tispjega l-projbizzjoni tal-Artikolu 5(1) dwar il-ħażna tal-komunikazzjonijiet. Dan ma jipprojbixxix kull ħażna awtomatika, intermedjarja u tranżitorja sakemm din isseħħ għall-iskop uniku tat-trażmissjoni u ma ddumx aktar milli meħtieġ għall-finijiet tat-trażmissjoni u tal-ġestjoni tat-traffiku, filwaqt li l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tibqa' garantita.

43. Jekk ikun hemm konġestjoni, titqajjem id-domanda jekk l-ISPs jistgħux jikkunsidraw li b'mod każwali jwaqqgħu jew idewmu t-traffiku jew pjuttost inaqqsu l-komunikazzjonijiet li mhumiex sensittivi għall-ħin, eż traffiku P2P jew tal-emails, li tippermetti, pereżempju, li t-traffiku tas-servizzi bil-vuċi jgħaddi bi kwalità aċċettabbli.

44. Minħabba l-interess globali tas-soċjetà biex jiġi ggarantit netwerk ta' komunikazzjonijiet li jista' jintuża, l-ISPs jistgħu jargumentaw li l-prijoritizzazzjoni jew it-trażżin ("throttling") tat-traffiku biex tiġi indirizzata l-konġestjoni hija miżura leġittima li hija meħtieġa biex ikun jista' jingħata servizz adegwat. Dan ifisser li f'dawn il-każijiet u għal dan il-għan, ikun hemm raġuni legali ġenerali għall-ipproċessar tad-dejta personali filwaqt li ma jkunx meħtieġ kunsens speċifiku mill-utenti.

45. Fl-istess ħin, il-kapaċità li jinterferixxu b'dan il-mod mhijiex waħda mingħajr limiti. Jekk l-ISPs ikollhom bżonn jispezzjonaw il-komunikazzjonijiet, mill-perspettiva tal-kunfidenzjalità, filwaqt li japplikaw b'mod strett il-prinċipju tal-proporzjonalità, huma għandhom jużaw il-metodu l-anqas intruživ disponibbli biex jiksbu dan il-għan (u jevitaw spezzjoni fil-fond tal-pakketti), u għandhom japplikaw dan biss għal żmien neċessarju biex tiġi riżolta l-konġestjoni.

(iv) Raġunijiet legali għall-ipproċessar tad-dejta għal finijiet oħra

46. L-ISPs jistgħu jkunu jixtiequ wkoll li jispezzjonaw id-dejta dwar it-traffiku u l-kontenut għal finijiet oħra, pereżempju l-offerta ta' abbonamenti mmirati (eż. abbonament li jillimita l-aċċess għal P2P jew abbonament li jżid il-veloċità għal ċerti applikazzjonijiet). L-ispezzjoni u l-użu ulterjuri tad-dejta dwar it-traffiku u l-komunikazzjoni għal finijiet oħra li mhumiex għall-għoti tas-servizz jew l-iżgurar tas-sigurtà u n-nuqqas tal-konġestjoni tiegħu huma awtorizzati biss taħt kundizzjonijiet stretti, b'mod konformi mal-qafas legali.

47. Il-qafas legali huwa prinċipalment l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika li jeħtieġ il-kunsens mill-utenti kkonċernati biex isir smigħ, *tapping*, ħażna jew modi oħrajn ta' interċettazzjoni jew sorveljanza ta' komunikazzjonijiet u d-dejta relatata dwar it-traffiku. Fil-prattika dan ifisser li l-kunsens tal-utenti involuti f'komunikazzjoni huwa meħtieġ biex jiġi leġittimizzat l-ipproċessar kemm tad-dejta dwar it-traffiku kif ukoll tad-dejta dwar il-komunikazzjoni skont l-Artikolu 5(1).

48. Kif spjegat hawn fuq, l-applikazzjoni ta' tekniki ta' spezzjoni u ta' filtrazzjoni hija bbażata jew fuq *IP headers*, li jikkostitwixxu dejta dwar it-traffiku, jew ibbażata fuq spezzjoni fil-fond tal-pakketti li tinvolvi wkoll *IP payloads* u tikkostitwixxi dejta dwar il-komunikazzjoni. Għalhekk, fil-prinċipju, l-applikazzjoni ta' tekniki bħal dawn għal finijiet li mhumiex l-għoti tas-servizz jew is-sigurtà tkun projbita sakemm ma jkunx hemm raġuni leġittima li tippermetti l-ipproċessar, bħall-kunsens (l-Artikolu 5(1)). Eżempju ta' fejn ikun japplika l-Artikolu 5(1) huwa meta ISP jiddeċiedi li joffri lill-klijenti rata mnaqqsa għal aċċess tal-Internet u bħala skambju jirċievi reklamar li jagħraf l-imġiba, permezz ta' spezzjoni fil-fond tal-pakketti, u b'hekk dejta dwar il-komunikazzjoni, sabiex jagħmel dan. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 5(1) huwa meħtieġ kunsens reali, speċifiku u infurmat.

49. Barra minn hekk, l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika intitolat 'dejta dwar it-traffiku' jipprovdi ċerti regoli li japplikaw speċifikament għad-dejta dwar it-traffiku. B'mod

aktar partikolari huwa jipprevedi l-possibbiltà li l-ISPs jipproċessaw dejta dwar it-traffiku abbażi tal-kunsens tal-utenti biex jirċievu servizzi ta' valur miżjud ([28]). Din id-dispożizzjoni tispeċifika r-rekwiżit tal-kunsens previst fl-Artikolu 5(1) meta tkun involuta d-dejta dwar it-traffiku.

50. Fil-prattika, mhux dejjem ikun faċli li jiġi aċċertat, pereżempju, f'liema każijiet huwa meħtieġ il-kunsens, u f'liema każijiet is-sigurtà tan-netwerk tista' tilleġittima l-ipproċessar, b'mod partikolari jekk l-għanijiet tat-tekniki ta' spezzjoni jkunu tnejn (pereżempju li tiġi evitata l-konġestjoni u li jiġu pprovduti servizzi ta' valur miżjud). Għandu jiġi enfasizzat li l-kunsens ma jistax jiġi kkunsidrat bħala portal faċli u sistematiku għall-konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta.

51. L-esperjenza dwar l-applikazzjoni tal-qafas u b'mod partikolari dwar l-aspetti varji li ġew deskritti hawn fuq hija limitata ħafna. Dan huwa qasam fejn huwa essenzjali li jkun hemm gwida ulterjuri, kif ġie żviluppat aktar fit-Taqsima VI. Barra minn hekk, hemm aspetti rilevanti oħra relatati mal-kisba tal-kunsens li jeħtieġu wkoll kunsiderazzjoni speċjali. Dawn huma deskritti hawn taħt.

### V.2. **Kwistjonijiet relatati mal-għoti ta' kunsens infurmat bħala raġuni legali**

52. Il-kunsens meħtieġ skont l-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika għandu l-istess tifsira bħall-kunsens tas-suġġett tad-dejta kif definit u speċifikat aktar fid-Direttiva 95/46/KE ([29]). Skont l-Artikolu 2(h) tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data, "il-kunsens tas-suġġett tad-dejta" tfisser "indikazzjoni speċifika u infurmata tax-xewqa tiegħu mogħtija liberament li biha s-suġġett tad-dejta jaqbel li jsir l-ipproċessar ta' dejta personali dwaru". Dan l-aħħar, ir-rwol tal-kunsens u r-rekwiżiti biex dan ikun validu ġew indirizzati mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 fl-Opinjoni 15/2011 tiegħu dwar il-kunsens ([30]).

53. L-ISPs li jeħtieġu kunsens biex iwettqu spezzjoni u filtrazzjoni tad-dejta dwar it- traffiku u l-kontenut għalhekk għandhom jiżguraw li l-kunsens ikun wieħed liberu u speċifiku, u għandu jkun indikazzjoni infurmata b'mod sħiħ tax-xewqat tal-individwu li permezz tiegħu huwa juri l-qbil tiegħu rigward il-fatt li l-informazzjoni personali dwaru tiġi pproċessata. Il-Premessa 17 tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika tafferma dan mill-ġdid "(…) Il-kunsens jista' jingħata b'kull mod xieraq li jippermetti indikazzjoni speċifika u informata mogħtija b'mod liberu tax-xewqat tal-utent, li tinkludi l-ittikkjar ta' kaxxa meta żżur websajt li tinsab fuq l-Internet" Hawn taħt issib xi eżempji prattiċi ta' x'ifisser f'dan il-kuntest li l-kunsens ikun liberu, speċifiku u infurmat.

*Kunsens: Indikazzjoni libera, speċifika u infurmata ta' xewqat*

54. *Kunsens liberu.* L-utenti m'għandhomx ibatu minħabba restrizzjonijiet marbuta mal-kunsens għall-abbonament tal-Internet li jixtieqû jiffirmaw.

55. Il-kunsens tal-individwi ma jingħatax b'mod liberu jekk dawn kellhom jagħtu l-kunsens għall-monitoraġġ tad-dejta ta' komunikazzjoni tagħhom sabiex jiksbu aċċess għal servizz ta' komunikazzjoni. Dan ikun ferm aktar minnu jekk l-fornituri *kollha* f'suq partikolari kellhom iwettqu ġestjoni tat-traffiku għal finijiet li marru lil hinn mis-sigurtà tan-netwerk. L-unika alternattiva li jifdal tkun li ma jabbonawx

([28]) Il-Premessa 18 tad-Direttiva fiha lista li tagħti eżempji ta' servizzi ta' valur miżjud. Mhuwiex ċar jekk is-servizzi li japplikaw għalihom il-politiki tal-ġestjoni tat-traffiku jistgħux jiġu interpretati bħala parti minn din il-lista. Il-politiki tal-ġestjoni tat-traffiku li jimmiraw li jipprijoritizzaw ċertu kontenut jistgħu jiġu interpretati bħala li jipprovdu kwalità tas-servizz. Pereżempju, ġestjoni tat-traffiku li jinvolvi sempliċiment l-ipproċessar tal-*IP headers* u li għandu l-għan li joffri servizzi tal-logħob tal-azzard bil-prezzijiet primjum, fejn it-traffiku tal-logħob tal-azzard personali tal-utenti jingħata prijorità permezz tan-netwerk jista' jitqies bħala servizz ta' valur miżjud. Min-naħa l-oħra, għadu mhux ċar jekk il-ġestjoni tat-traffiku għat-trażżin ta' ċerti tipi ta' traffiku, pereżempju t-tnaqqis tat-traffiku tal-P2P jistax jitqies bħala tali.

([29]) Ara l-Premessa 17 u l-Artikolu 2(f) tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika.

([30]) Adottata fit-13 ta' Lulju 2011 (WP 187).

għall-Internet. Peress li l-Internet sar għodda essenzjali kemm għal finijiet ta' xogħol kif ukoll ta' divertiment, in-nuqqas ta' abbonament għal servizz tal-Internet ma jikkostitwixxix alternattiva valida. Ir-riżultat ikun li l-individwi ma jkollhomx alternattiva reali, jiġifieri dawn ma jkunux jistgħu jagħtu l-kunsens tagħhom b'mod liberu ([31]).

56. Il-KEPD iqis li hemm ħtieġa ċara li l-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali jissorveljaw is-suq, b'mod partikolari biex jivverifikaw jekk dan ix-xenarju – jiġifieri fornituri li jgħaqqdu s-servizzi ta' telekomunikazzjoni mal-monitoraġġ tal-komunikazzjoni – isirx dominanti. Il-fornituri għandhom joffru servizzi alternattivi, inkluż abbonament għall-Internet li ma jkunx suġġett għall-ġestjoni tat-traffiku, mingħajr ma jimponu spejjeż ogħla fuq l-individwi.

57. *Kunsens speċifiku*. Ir-rekwiżit li kunsens ikun speċifiku jeħtieġ, f'dan il-każ, li l-ISPs jitolbu l-kunsens għall-monitoraġġ tad-dejta dwar it-traffiku u l-komunikazzjonijiet b'mod ċar u distintiv. Skont il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, "… biex ikun speċifiku, il-kunsens għandu jkun jinftiehem: dan għandu jirreferi b'mod ċar u preċiż għall-kamp ta' applikazzjoni u l-konsegwenzi tal-ipproċessar tad-dejta. Ma jistax japplika għal serje mingħajr tmiem ta' attivitajiet ta' pproċessar. Fi kliem ieħor, dan ifisser li l-kuntest li fih japplika kunsens huwa limitat". Kunsens speċifiku x'aktarx li ma jinkisibx jekk il-kunsens għall-ispezzjoni tad-dejta dwar it-traffiku u l-komunikazzjoni jingħaqad mal-kunsens ġenerali għall-abbonament għas-servizz. Minflok, l-ispeċifiċità teħtieġ l-użu ta' mezzi mmirati għall-kisba tal-kunsens, bħal formola ta' kunsens speċifiku jew kaxxa separata ddedikata b'mod ċar għall-iskop tal-monitoraġġ (pjuttost milli tiddaħħal l-informazzjoni fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt u tkun meħtieġa l-firma tal-kuntratt kif qed jiġri fil-preżent).

58. *Kunsens infurmat*. Biex il-kunsens ikun validu għandu jkun infurmat. Il-ħtieġa li tingħata informazzjoni xierqa minn qabel tirriżulta mhux biss mid-Direttivi dwar il-Privatezza u l-Kommunikazzjoni Elettronika u dwar il-Protezzjoni tad-Data biss, iżda wkoll mill-Artikoli 20 u 21 tad-Direttiva Servizz Universali, kif emendata mid-Direttiva 2009/136/KE ([32]). Il-ħtieġa għall-informazzjoni u l-kunsens ġiet ikkonfermata espressament fil-Premessa 28 tad-Direttiva 2009/136/KE: "L-utenti għandhom ikunu infurmati f'kull każ b'mod sħiħ dwar kwalunkwe kundizzjonijiet li jillimitaw imposti fuq l-użu tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi mill-fornitur tas-servizz u/jew tan-network. Din l-informazzjoni għandha, jekk jagħżel hekk il-fornitur, tispeċifika t-tip ta' kontenut, ta' applikazzjoni jew ta' servizz kkonċernat, servizzi jew applikazzjonijiet individwali, jew it-tnejn li huma". Hija mbagħad tispeċifika li: "Skont it-teknoloġija użata u t-tip ta' limitazzjoni, dawn il-limitazzjonijiet jistgħu jirrikjedu l-kunsens tal-utent konformement mad-Direttiva 2002/58/KE".

59. Minħabba l-kumplessità ta' dawn it-tekniki ta' monitoraġġ, l-għoti ta' informazzjoni sinifikattiva minn qabel hija waħda mill-isfidi ewlenin sabiex jinkiseb kunsens validu. Il-konsumaturi għandhom jiġu mgħarrfa b'mod li jkunu jistgħu jifhmu l-informazzjoni li tkun qed tiġi pproċessata, kif tkun qed tintuża u l-impatt fuq l-esperjenza tal-utent u l-livell ta' invażjoni ta' privatezza relatat mat-teknika.

60. Dan ma jfissirx biss li l-informazzjoni nnifisha għandha tkun ċara u tista' tiftiehem mill-utent medju, iżda wkoll li l-informazzjoni tingħata direttament lill-individwi b'mod li jispikka b'tali mod li ma jkunux jistgħu jinjorawha.

61. *Indikazzjoni ta' xewqat*. Il-kunsens taħt il-qafas legali applikabbli jeħtieġ ukoll azzjoni affermativa mill-utent biex juri l-ftehim tiegħu/tagħha. Il-kunsens taċitu ma jissodisfax dan l-istandard. Dan jikkonferma wkoll il-ħtieġa li jiġu użati mezzi ddedikati sabiex jinkiseb kunsens li jippermetti lill-ISP jispezzjona d-dejta dwar it-traffiku u l-komunikazzjonijiet fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-politiki ta' ġestjoni tat-traffiku. Fl-opinjoni riċenti tiegħu dwar il-kunsens, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 enfasizza l-ħtieġa għal granularità sabiex jinkiseb kunsens fir-rigward tal-elementi differenti li jikkostitwixxu l-ipproċessar tad-dejta.

([31]) Każ simili huwa l-PNR fejn ġie diskuss jekk il-kunsens tal-passiġġieri biex jittrasferixxu d-dettalji tal-prenotazzjoni lill-awtoritajiet Amerikani kienx validu jew le. Il-Grupp ta' Ħidma ddeċieda li l-kunsens tal-passiġġieri ma jistax jingħata b'mod liberu peress li l-linji tal-ajru huma obbligati li jibgħatu d-dejta qabel ma l-ajruplan jitlaq, u l-passiġġieri għalhekk m'għandhomx alternattiva reali jekk jixtiequ jsiefru; Opinjoni 6/2002 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar it-trażmissjoni tal-informazzjoni dwar il-lista ta' passiġġieri u dejta oħra mil-linji tal-ajru lill-Istati Uniti.

([32]) Id-Direttiva 2009/136/KE tal-25 ta' Novembru 2009 li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 15).

62. Wieħed jista' jargumenta li jekk il-partijiet involuti fil-komunikazzjoni ma jkunux iridu li l-ISPs jinterċettawha sabiex japplikaw politiki tal-ġestjoni tat-traffiku, dawn xorta jistgħu jikkriptaw il-komunikazzjoni. Dan l-approċċ jista' jitqies bħala ta' għajnuna f'termini prattiċi, madankollu jeħtieġ ċertu sforz u għarfien tekniku u ma jistax jitqies simili għal kunsens liberu, speċifiku u infurmat. Barra minn hekk, l-użu ta' tekniki kriptografiċi ma jżommux il-komunikazzjoni totalment kunfidenzjali peress li l-ISP mill-anqas se jkun jista' jkollu aċċessa għall-informazzjoni fl-*IP header* sabiex jittrasferixxi l-komunikazzjoni u se jkun ukoll f'pożizzjoni li japplika analiżi tal-istatistika.

63. Skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika, il-kunsens għandu jinkiseb mill-utenti kkonċernati. F'ħafna każijiet, l-utent u l-abbonat ikunu l-istess persuna, li tagħti l-kunsens tagħha fil-mument tal-abbonament għas-servizz tat-telekomunikazzjoni. F'każijiet oħra, inkluż dawk fejn tista' tkun involuta aktar minn persuna waħda, il-kunsens tal-utenti kkonċernati jeħtieġ li jinkiseb b'mod separat. Dan jista' jqajjem kwistjonijiet prattiċi kif ġie żviluppat hawn taħt.

*Kunsens tal-utenti kollha kkonċernati*

64. L-Artikolu 5(1) jipprovdi għal kunsens tal-utent biex jilleġittimaw l-ipproċessar. Il-kunsens għandu jinkiseb mill-*utenti kollha* involuti f'komunikazzjoni. Ir-*raġunament* wara dan kollu huwa li komunikazzjoni normalment tikkonċerna mill-anqas żewġ individwi (l-emittent u r-riċevitur). Pereżempju, jekk ISP jiskennja *IP payloads* li jirreferu għal *email*, huma jkunu qed jispezzjonaw informazzjoni li tirrigwarda kemm l-emittent kif ukoll ir-riċevitur tal-*email*.

65. Fil-monitoraġġ u l-interċettazzjoni tat-traffiku u l-komunikazzjonijiet (pereżempju, ċertu traffiku tal-web), jista' jkun biżżejjed li l-ISPs jiksbu l-kunsens tal-utent, jiġifieri, l-abbonat. Dan huwa minħabba l-fatt li l-parti l-oħra fil-komunikazzjoni, f'dan il-każ, websajt li żaruha n-nies, ma jistgħux jitqiesu bħala "utent ikkonċernat" ([33]). Madankollu, is-sitwazzjoni tista' ssir aktar kumplessa meta monitoraġġ bħal dan jinvolvi l-ispezzjoni tal-kontenut tal-*email*s u għalhekk, informazzjoni personali tal-emittent u r-riċevitur tal-*email*, li jista' ma jkollhomx it-tnejn relazzjoni kuntrattwali mal-istess ISP. Fil-fatt, f'dawn il-każijiet, l-ISP ikun qed jipproċessa dejta personali (isem, indirizz tal-*email* u dejta potenzjalment sensittiva dwar il-kontenut) ta' dawk li ma jkunux klijenti. Minn perspettiva prattika l-kisba ta' kunsens minn individwi bħal dawn tista' tkun aktar diffiċli, peress li din trid isir fuq bażi ta' każ b'każ pjuttost milli fl-okkażjoni tal-konklużjoni ta' servizz tat-telekomunikazzjoni. Lanqas ma jkun realistiku li wieħed jassumi li l-kunsens ta' abbonat ingħata wkoll f'isem utenti oħra, kif jista' jkun ħafna drabi fi djar privati.

66. F'dan il-kuntest, il-KEPD iqis li l-ISPs għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti legali eżistenti u jimplimentaw politiki li ma jinvolvux l-monitoraġġ u l-ispezzjoni ta' informazzjoni. Dan huwa aktar essenzjali f'dak li jirrigwarda s-servizzi ta' komunikazzjoni li jinvolvu partijiet terzi li ma jistgħux jagħtu l-kunsens tagħhom għall-monitoraġġ, b'mod partikolari rigward *emails* mibgħuta u riċevuti (dan ma japplikax meta l-għan ikun ibbażat fuq kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà).

67. Fl-istess ħin, għandu jiġi osservat li l-liġi nazzjonali li timplementa l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika mhux dejjem tkun sodisfaċenti fuq dan il-punt, u li b'mod ġenerali jidher pjuttost li hemm ħtieġa għal gwida aħjar dwar il-ħtiġijiet tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika f'dan il-kuntest. Il-KEPD għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tkun aktar attiva f'dan ir-rigward u tieħu inizjattiva li tista' tibbenefika mill-kontribut tal-awtoritajiet superviżorji miġbura fil-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 u minn partijiet interessati oħra. Jekk ikun meħtieġ, każ għandu jitressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinħoloq ċarezza sħiħa dwar it-tifsira u l-konsegwenzi tal-Artikolu 5(1).

([33]) Minkejja dawk il-każijiet fejn it-traffiku tal-web jinvolvi t-trasferiment ta' informazzjoni personali bħal, pereżempju, stampi ta' persuni fiżiċi identifikabbli mtealla' fuq websajt. L-ipproċessar ta' informazzjoni bħal din jeħtieġ bażi legali, iżda ma jkunx kopert mill-Artikolu 5(1) peress li dawk il-persuni ma jkunux "utenti kkonċernati".

### V.3. **Proporzjonalità – prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-dejta**

68. L-Artikolu 6(c) tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data jistipula l-prinċipju tal-proporzjonalità ([34]), li japplika għall-ISPs, peress li dawn meta jwettqu monitoraġġ u filtrazzjoni, jistgħu jitqiesu bħala kontrolluri tad-dejta skont it-tifsira ta' din id-direttiva.

69. Skont dak il-prinċipju, id-dejta personali tista' tiġi pproċessata biss sakemm tkun "adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva fir-rigward tal-għanijiet li għalihom tinġabar u/jew tiġi pproċessata aktar". L-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju timplika l-ħtieġa li ssir valutazzjoni dwar jekk il-mezzi użati għall-ipproċessar tad-dejta u għat-tipi ta' dejta personali użati humiex xierqa u raġonevolment probabbli li jilħqu l-għanijiet tagħhom. Jekk il-konklużjoni tkun li nġabret aktar dejta milli meħtieġa, il-prinċipju ma jkunx milħuq.

70. Il-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità ta' ċerti tipi ta' tekniki ta' spezzjoni għandhom jiġu evalwati fuq bażi ta' każ b'każ. Mhuwiex possibbli li jintlaħqu konklużjonijiet *in abstracto*. Madankollu, huwa possibbli li jiġu indikati diversi aspetti konkreti li għandhom jiġu evalwati fil-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

71. *L-ammont ta' informazzjoni pproċessata*. Is-sorveljanza tal-komunikazzjonijiet tal-klijenti tal-ISP fl-aktar livelli fondi possibbli f'ħafna mill-każijiet se tkun eċċessiva u illegali. Il-fatt li dan jista' jsir b'mezzi li mhumiex evidenti għall-individwi u li jista' jkun diffiċli għalihom biex jifhmu x'qed jiġri, jżid l-impatt fuq il-privatezza tagħhom. L-ISPs għandhom jevalwaw liema mezzi anqas intrużivi jistgħu jkunu disponibbli biex jintlaħaq ir-riżultat meħtieġ. Pereżempju, jista' monitoraġġ tal-*IP header*s jikseb ir-riżultat meħtieġ, minflok ma ssir spezzjoni fil-fond tal-pakketti? Anki meta tiġi użata spezzjoni fil-fond tal-pakketti, l-identifikazzjoni ta' ċerti protokolli biss tista' tagħti l-informazzjoni meħtieġa. L-applikazzjoni ta' salvagwardji tal-protezzjoni tad-dejta, inkluża l-psewdo-anonimimizzazzjoni, tista' tkun rilevanti wkoll. Ir-riżultat tal-valutazzjoni għandu jikkonferma li l-ipproċessar tad-dejta huwa proporzjonali.

72. *L-effetti tal-ipproċessar (marbuta direttament mal-finijiet)*. Il-proporzjonalità tista' ma tkunx teżisti f'każijiet fejn l-ISPs jużaw politiki tal-ġestjoni tat-traffiku li jeskludu l-aċċess għal ċerti servizzi mingħajr ma jippermettu li l-utent jieħu parti xierqa mill-benefiċċju li jirriżulta bħala skambju.

73. Huwa importanti li wieħed jiftakar li l-prinċipju ta' proporzjonalità jkompli japplika anki jekk ħtiġijiet obbligatorji legali oħra jkunu ġew milħuqa, inkluż jekk ISP, pereżempju, ikun kiseb kunsens minn individwi sabiex iwettaq monitoraġġ tal-kontenut. Dan ifisser li l-ipproċessar tad-dejta mwettaq permezz tal-monitoraġġ ta' kontenut xorta jista' jkun illegali jekk dan jikser il-prinċipju fundamentali ta' proporzjonalità.

### V.4. **Sigurtà u miżuri organizzattivi**

74. L-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika jitlob b'mod espliċitu li l-ISPs għandhom jistabbilixxu miżuri tekniċi u organizzattivi biex jiżguraw (i) li d-dejta personali tiġi aċċessata biss minn persunal awtorizzat u għal finijiet legali; (ii) il-protezzjoni ta' dejta personali minn ipproċessar aċċidentali jew illegali, u (iii ) l-implimentazzjoni ta' politika tas-sigurtà fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali. Jippermetti wkoll li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jwettqu verifiki fuq dawn il-miżuri.

75. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 4(3) u (2) tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika, l-ISPs huma obbligati wkoll li jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali rispettivament fil-każ ta' ksur tad-dejta, kif ukoll l-individwi affettwati fil-każ li l-iżvelar jista' jħalli konsegwenzi negattivi fuqhom.

76. L-ipproċessar ta' informazzjoni personali inkluża fil-komunikazzjonijiet bil-għan li jiġu applikati politiki ta' ġestjoni tat-traffiku jista' jagħti lill-ISPs aċċess għal dejta li hija aktar sensittiva mid-dejta dwar it-traffiku.

([34]) Kif deskritt hawn fuq, id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data tapplika għall-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, li mhumiex koperti b'mod speċifiku mid-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika.

77. Għalhekk, il-politiki ta' sigurtà żviluppati mill-ISPs għandhom jinkorporaw salvagwardji speċifiċi biex jiżguraw li l-miżuri mwettqa jkunu adegwati għal dawn ir-riskji. Fl-istess ħin, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jivverifikaw dawn il-miżuri għandhom ikunu partikolarment eżiġenti. Fl-aħħar nett, għandu jiġi żgurat li proċeduri effettivi ta' notifika jitqiegħdu fis-seħħ sabiex jinformaw lis-suġġetti tad-dejta li l-informazzjoni tagħhom tkun ġiet kompromessa u li għalhekk jistgħu jiġu affettwati b'mod negattiv.

## VI. **SUĠĠERIMENTI GĦAL MIŻURI TA' POLITIKA U LEĠIŻLATTIVI**

78. It-tekniki ta' spezzjoni bbażati fuq dejta dwar it-traffiku u spezzjoni tal-*IP payloads*, jiġifieri l-kontenut tal-komunikazzjonijiet, jistgħu jiżvelaw l-attività fuq l-Internet tal-utenti: websajts li jkunu żaru u l-attivitajiet f'dawk is-siti, l-użu ta' applikazzjonijiet P2P, fajls imniżżla, *emails* mibgħuta u rċevuti, mingħand min, fuq liema suġġett u b'liema termini, eċċ. L-ISPs jistgħu jkunu jridu jużaw din l-informazzjoni biex jagħtu prijorità lil xi komunikazzjonijiet, bħal vidjow fuq talba, fuq oħrajn. Huma jistgħu jkunu jridu jużawh biex jidentifikaw vajrusis, jew biex jibnu profili sabiex iservu bħala reklamar li jagħraf l-imġiba. Dawn l-azzjonijiet jinterferixxu mad-dritt għall-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet.

79. Skont it-tekniki użati u l-ispeċifiċitajiet tal-każ, l-implikazzjonijiet ta' privatezza se jiżdiedu. Aktar ma jkunu fondi l-interċettazzjoni u l-analiżi tal-informazzjoni miġbura, aktar ikun kbir il-kunflitt malprinċipju ta' kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet. L-għanijiet li għalihom iseħħ il-monitoraġġ u s-salvagwardji għall-protezzjoni tad-dejta li ġew applikati huma wkoll elementi ewlenin li jiddeterminaw il-livell ta' intrużjoni fil-privatezza u d-dejta personali tal-individwi. L-imblukkar u l-monitoraġġ għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-*malware*, b'limitazzjonijiet stretti fuq iż-żamma u l-użu tad-dejta spezzjonata, ma jistgħux jitqabblu ma' sitwazzjonijiet fejn l-informazzjoni tiġi rreġistrata sabiex jinbnew profili individwali li jservu bħala reklamar li jagħraf l-imġiba.

80. Fil-prinċipju, il-KEPD iqis li l-qafas eżistenti tal-UE dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta, jekk interpretat, applikat u infurzat sew, ikun xieraq biex jiggarantixxi li jinżamm id-dritt għall-kunfidenzjalità u li b'mod globali l-protezzjoni tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta tal-individwi ma jkunux ippreġudikati ([35]). L-ISPs ma għandhomx jużaw mekkaniżmi bħal dawn sakemm ma jkunux applikaw il-qafas legali b'mod xieraq. B'mod aktar partikolari, l-elementi rilevanti tal-qafas li l-ISPs għandhom jikkunsidraw u jirrispettaw jinkludu dawn li ġejjin:

— L-ISPs jistgħu japplikaw politiki tal-ġestjoni tat-traffiku li għandhom l-għan li jipprovdu sigurtà tas-servizz, l-għoti ta' servizz, inkluż il-limitazzjoni tal-konġestjoni, skont l-Artikolu 4 u 6 tad-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika.

— L-ISPs jeħtieġu raġuni legali speċifika oħra, u possibbilment il-kunsens tal-utenti, biex japplikaw politiki tal-ġestjoni tat-traffiku li jinvolvu l-ipproċessar ta' dejta dwar it-traffiku u/jew il-komunikazzjoni għal finijiet differenti minn dawn ta' hawn fuq. Pereżempju, kunsens infurmat tal-utenti huwa meħtieġ biex jiġu mmonitorjati u ffiltrati l-komunikazzjonijiet tal-individwi għal finijiet ta' limitazzjoni (jew awtorizzazzjoni) tal-aċċess għal ċerti applikazzjonijiet u servizzi bħall-P2P jew il-VoIP.

— Il-kunsens għandu jkun liberu, espliċitu u infurmat. Għandu jiġi indikat permezz ta' azzjoni affermattiva. Dawn ir-rekwiżiti jpoġġu enfasi qawwija fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi sabiex jiġi żgurat li l-individwi jkunu infurmati kif suppost, b'mod dirett, li jinftiehem u speċifiku sabiex huma jkunu jistgħu jevalwaw l-effetti tal-prattiki u finalment jieħdu deċiżjoni informata. Minħabba l-kumplessità ta' dawn it-tekniki, l-għoti lill-utenti ta' informazzjoni sinifikanti minn qabel huwa wieħed mill-isfidi ewlenin sabiex jinkiseb kunsens validu. Barra minn hekk, ma għandu jkun hemm l-ebda konsegwenzi ta' ħsara (inklużi spejjeż finanzjarji) lejn utenti li ma jaċċettaw ebda monitoraġġ.

([35]) Dan huwa bla ħsara għall-ħtieġa li jitwettqu bidliet fil-liġi fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet oħra, b'mod partikolari fil-kuntest tar-reviżjoni ġenerali tal-qafas legali tal-UE għall-protezzjoni tad-dejta, bil-għan li dan isir aktar effikaċi fid-dawl ta' teknoloġiji ġodda u tal-globalizzazzjoni.

— Il-prinċipju tal-proporzjonalità għandu rwol kruċjali meta l-ISPs iwettqu politiki tal-ġestjoni tat-traffiku, irrispettivament mir-raġuni legali u l-għan għall-ipproċessar: fl-għoti tas-servizz, l-evitar tal-konġestjoni jew il-provvista ta' abbonamenti mmirati bi jew mingħajr aċċess għal ċerti servizzi u applikazzjonijiet. Dan il-prinċipju jillimita l-kapaċità tal-ISPs li jwettqu monitoraġġ tal-kontenut tal-komunikazzjonijiet tal-individwi li jinvolvi l-ipproċessar ta' informazzjoni eċċessiva jew benefiċċji li jakkumulaw għall-ISPs biss. Dak li jista' jitwettaq loġistikament mill-ISPs se jiddependi fuq il-livell ta' intrużjoni tal-metodi, ir-riżultati meħtieġa (li għalihom jistgħu jakkumulaw benefiċċji) u s-salvagwardji speċifiċi ta' privatezza u protezzjoni tad-dejta applikati. Qabel ma jintużaw it-tekniki ta' spezzjoni, l-ISPs għandhom jevalwaw jekk dawn jikkonformawx mal-prinċipju ta' proporzjonalità jew le.

81. Filwaqt li bħalissa l-qafas legali jinkludi kundizzjonijiet u salvagwardji rilevanti, hemm bżonn li tingħata attenzjoni partikolari dwar jekk l-ISPs jissodisfawx b'mod effettiv ir-rekwiżiti legali, jekk jipprovdux l-informazzjoni meħtieġa sabiex il-konsumaturi jagħmlu għażliet sinifikattivi, u jekk dawn josservawx il-prinċipju tal-proporzjonalità. Fuq livell nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti minn dan ta' hawn fuq jinkludu minn naħa waħda l-awtoritajiet tat-telekomunikazzjoni nazzjonali, u min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-dejta. Fil-livell tal-UE, il-korpi rilevanti fil-livell tal-UE jinkludu BEREC. Il-KEPD jista' jkollu wkoll rwol f'dan il-kuntest.

82. Minbarra l-monitoraġġ tal-livell attwali ta' konformità, minħabba n-novità relattiva tal-possibbiltà ta' spezzjoni massiva, fil-ħin reali tal-komunikazzjonijiet, xi aspetti marbuta mal-applikazzjoni tal-qafas li ġew diskussi f'din l-Opinjoni jeħtieġu analiżi aktar fil-fond u kjarifika ulterjuri. Gwida rilevanti b'mod partikolari f'diversi oqsma tinkludi:

— Id-determinazzjoni tal-prattiki ta' spezzjoni li huma leġittimi biex jiġi żgurat il-fluss bla xkiel tat-traffiku li jista' ma jeħtieġx il-kunsens tal-utenti, bħal, pereżempju, il-ġlieda kontra l-ispam. Minbarra l-indħil tal-monitoraġġ applikat, aspetti bħal, pereżempju, il-livell ta' tfixkil għall-fluss bla xkiel tat-traffiku li kieku kien iseħħ, huma rilevanti.

— Id-determinazzjoni ta' liema tekniki ta' spezzjoni jistgħu jitwettqu għal finijiet ta' sigurtà, li ma jistgħux jitolbdu l-kunsens tal-utenti.

— Id-determinazzjoni ta' meta l-monitoraġġ jeħtieġ kunsens tal-individwu, b'mod partikolari l-kunsens tal-utenti kollha kkonċernati, u l-parametri tekniċi permissibbli sabiex jiġi żgurat li t-teknika ta' spezzjoni ma tkunx tinvolvi l-ipproċessar ta' dejta li mhix proporzjonali *vis-à-vis* l-għanijiet maħsuba tagħha.

— Barra minn hekk fit-tliet każijiet ta' hawn fuq, tista' tkun meħtieġa gwida rigward l-applikazzjoni tas-salvagwardji meħtieġa għall-protezzjoni tad-dejta (limitazzjoni tal-għan, sigurtà, eċċ).

83. Peress li l-kompetenzi f'dan il-qasam huma kemm nazzjonali kif ukoll tal-UE, il-KEPD iqis bħala essenzjali li jinqasmu l-fehmiet u l-esperjenzi sabiex jinsabu approċċi armonizzati għal dak li ntqal hawn fuq. Sabiex jinkiseb dan, il-KEPD jissuġġerixxi l-ħolqien ta' pjattaforma jew grupp ta' esperti li għandu jiġbor flimkien rappreżentanti tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, il-KEPD u l-BEREC. L-ewwel għan ta' din il-pjattaforma jkun li tiġi żviluppata gwida, mill-inqas fuq il-punti msemmija hawn fuq, sabiex jiġu żgurati approċċi solidi u armonizzati u kundizzjonijiet ekwi. Il-KEPD jitlob lill-Kummissjoni biex torganizza din l-inizjattiva.

84. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, kemm l-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll il-kontropartijiet tagħhom fl-UE, inklużi l-BEREC u l-Kummissjoni tal-UE għandhom jagħtu attenzjoni mill-qrib lill-iżviluppi tas-suq f'dan il-qasam. Minn perspettiva ta' protezzjoni tad-dejta u tal-privatezza, ix-xenarju fejn l-ISPs fuq bażi regolari jwettqu politiki tal-ġestjoni tat-traffiku bbażati fuq il-filtrazzjoni tal-aċċess għall-kontenut u l-applikazzjonijiet, ikun problematiku ferm. Jekk dan qatt iseħħ, ikun jeħtieġ li tiddaħħal fis-seħħ leġiżlazzjoni sabiex tindirizza din is-sitwazzjoni.

## VII. **KONKLUŻJONIJIET**

85. Iż-żieda fid-dipendenza tal-ISPs fuq tekniki ta' monitoraġġ u spezzjoni taffettwa n-newtralità tal-Internet u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet. Dan iqajjem kwistjonijiet serji relatati mal-protezzjoni tal-privatezza u d-dejta personali tal-utenti.

86. Filwaqt li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-internet miftuħ u n-newtralità tan-net fl-Ewropa tolqot dawn il-kwistjonijiet fil-qosor, il-KEPD jemmen li għandu jsir aktar sabiex toħroġ politika sodisfaċenti dwar dak li għandu jsir fil-ġejjieni. F'din l-Opinjoni huwa għalhekk ikkontribwixxa għad-dibattitu kontinwu tal-politika dwar in-newtralità tan-net, b'mod partikolari dwar aspetti relatati mal-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza.

87. Il-KEPD iqis li hemm bżonn li l-awtoritajiet nazzjonali u l-BEREC jissorveljaw is-sitwazzjoni tas-suq. Dan il-monitoraġġ għandu jwassal għal stampa ċara li tiddeskrivi jekk is-suq hux qed jevolvi lejn spezzjoni massiva, fil-ħin reali tal- komunikazzjonijiet u kwistjonijiet relatati mal-konformità skont il-qafas legali.

88. Il-monitoraġġ tas-suq m'għandux iseħħ mingħajr analiżi ulterjuri tal-effetti ta' prattiki ġodda fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza fuq l-Internet. Din l-Opinjoni tiddeskrivi fil-qosor xi oqsma li jibbenefikaw minn kjarifika. Filwaqt li aġenziji u korpi tal-UE bħal BEREC, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 u l-KEPD jistgħu jkunu f'pożizzjoni tajba biex jiċċaraw il-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tal-qafas, il-KEPD iqis li l-Kummissjoni għandha dmir li tikkoordina u tmexxi d-dibattitu. Għalhekk, huwa jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu inizjattiva li tinvolvi lil partijiet kollha interessati fi pjattaforma jew grupp ta' ħidma, b'dan il-għan. Fost il-kwistjonijiet li jeħtieġu analiżi ulterjuri, il-punti li ġejjin għandhom jiġu indirizzati:

— Id-determinazzjoni tal-prattiki ta' spezzjoni li huma leġittimi sabiex jiġi żgurat il-fluss bla xkiel tat-traffiku u li jistgħu jitwettqu għal finijiet ta' sigurtà;

— Id-determinazzjoni ta' meta l-monitoraġġ ikun jeħtieġ il-kunsens mill-individwu, b'mod partikolar il-kunsens tal-utenti kollha kkonċernati, u l-parametri tekniċi permissibbli sabiex jiġi żgurat li t-teknika ta' spezzjoni ma tkunx tinvolvi l-ipproċessar ta' dejta li mhix proporzjonali *vis-à-vis* l-għan maħsub.

— Fil-każijiet ta' hawn fuq, tista' tkun meħtieġa gwida rigward l-applikazzjoni tas-salvagwardji meħtieġa tal-protezzjoni tad-dejta (limitazzjoni tal-għan, sigurtà, eċċ).

89. Skont dawn is-sejbiet, jistgħu jkunu meħtieġa miżuri leġiżlattivi addizzjonali. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tressaq miżuri ta' politika bil-għan li jsaħħu l-qafas legali u jiżguraw ċertezza legali. Miżuri ġodda għandhom jiċċaraw il-konsegwenzi prattiċi tal-prinċipju tan-newtralità tan-net, peress li dan diġà sar f'ċerti Stati Membri, u jiżguraw li l-utenti jkunu jistgħu jagħmlu għażla reali, b'mod partikolari billi jisforzaw lill-ISPs joffru konnessjonijiet mhux sorveljati.

Magħmula fi Brussell, is-7 ta' Ottubru 2011.

Peter HUSTINX

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*